Artiklu 127, L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 20 ta' Settembru, 2002

# Votazzjonijiet bhall-pastizzi

*…Izda jekk anke l-votazzjonijiet se jibew isiru bhal ma jsiru l-pastizzi, se jonqos l-entuzjazmu – u dak li dejjem ftaharna bih f'pajjizna – partecipazzjoni assoluta ta' l-elettorat f'votazzjonijiet se jibda wkoll jitnaqqar f'isem l-Unjoni.*

*Il-Gvern ghad ikollu jhallas 'il-mercenarji biex johorgu jivvotaw ghax il-poplu jkun xeba' jivvota.*

S'issa dejjem morna nivvotaw darba kull hames snin. Ghall-Kunsilli Lokali qeghdin immorru nivvotaw darba kull tliet snin. Minn mindu dahlu l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali digà saret tinhass xi ftit it-telqa fl-elezzjonijiet, specjalment dawk tal-Kunsilli Lokali.

Ghall-poplu Malti l-elezzjonijiet huma ta' darba kultant. Meta nivvotaw, nivvotaw bis-sens u l-vot taghna jkun imsejjes fuq esperjenza ta' hames snin ta' l-istess Gvern jew ta' tliet snin ta' Kunsilli Lokali.

Izda x'se jigri jekk insiru (dejjem b'"jekk" kbira hafna) membri shah ta' l-Unjoni. Tad-dahk, imma veru! Il-votazzjoni se jsiru bhall-pasitzzi – bil-pjanca. Se nispiccaw immorru nivvotaw kull tliet xhur jekk isehhilna hekk! Hemm cans li bejn l-2002 u l-2003 ikollna bejn sitta jew seba' votazzjonijiet! Se naqilbuha lit-Taljani li kellhom gvernijiet iktar milli snin fil-politika taghhom.

Iva! Il-kapricci tal-Gvern prezenti huma kbar, izda ghadna ma rajna xejn.

Ta' min wiehed isemmi li kulhadd jaf li se ssir l-elezzjoni generali fil-qrib. M'hemm l-ebda dati u kemm-il darba d-data tithalla bhala sorpriza skond kif jaqbel ghall-Gvern tal-gurnata.

Kulhadd jaf ukoll li se jsir referendum dwar shubija jew le fl-Unjoni Ewropea. Mela din tkun it-tieni votazzjoni.

L-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali f'diversi lokalitajiet f'Malta u Ghawdex se jsiru f'Marzu li gej. Mela dawn, ghall-pajjiz, jekk mhux ghac-cittadini kollha se jkunu t-tielet elezzjonijiet!

Issa, jekk ir-referendum jirrizulta f'iva il-poplu Malti jkollu jivvota fl-elezzjonijiet tal-Membri Parlamentari Ewropej li jahbtu fl-2004. U din tkun ir-raba' elezzjoni li nivvotaw ghaliha!

U jekk ir-rizultat tar-referendum ikun "iva" jkollna wkoll nivvotaw f'referendum iehor. Dak li jrid isir skond il-Kostituzzjoni ta' Malta fejn il-lehen tal-polu Malti jrid juri li huwa lest li l-Kostituzzjoni taghna se tkun it-tieni wara l-Kostituzzjoni Ewropea u mhux l-ewwel, xi haga li tohrog car mid-diskussjonijiet dwar il-Futur ta' l-Ewropa. U din tkun il-hames votazzjoni!

U wara, f'Marzu ta' l-2004, ghal darb'ohra diversi cittadini f'diversi lokalitajiet ohra, se jergghu jivvotaw ghall-membri tal-Kunsilli Lokali taghhom. Mela s-seba' elezzjoni!

Jekk ir-rizultat tar-referendum skond is-shubija jkun "le", disgha u disghin fil-mija mbaghad jirnexxielna biss innaqqsu votazzjon wahda – ghax kif gara l-Irlanda, jista' jkun li fi zmien xi sitt xhur wara jkollna naghmlu referendum iehor sabiex nergghu nikkonfermaw il-"le" taghna.

Dan sa certu punt jiddependi naqra mir-rizultat ta' l-elezzjonijiet generali. Jekk fl-elezzjonijiet generali jitla' Gvern Laburista, in-numru ta' votazzjonijiet jonqos ghal tlieta.

Insomma, votazzjonijiet bhall-pastizzi! Donnha li d-demokrazija titkejjel minn kemm-il darba c-cittadini jmorru jitfghu l-vot taghhom.

M'ghandniex xi nghidu, nisperaw li l-Gvern qed jipprepara l-*budget* neccessarju biex ilahhaq ma' dawn il-votazzjonijiet kollha ghax dahal ghall-passatemp li jiswa hafna flus. Però, min-naha l-ohra, ma ninsewx, li hemm flus il-poplu – naqra taxxa 'l hemm u naqra taxxa 'l hawn il-flus minn x'imkien dejjem jigu!

Ta' min wiehed isemmi wkoll l-eccitament, allura li, se jaqbadna kull votazzjoni, ghax lanqas il-Bord tal-*FIFA* ma ddecieda li jaghmel il-kompetizzjoni tat-Tazza tad-Dinja kull sena ghalkemm thalli hafna flus! Hu x'inhu s-sabih ta' votazzjonijiet u avvenimenti ohra kbar qieghed fil-fatt li jkunu mbieghda minn xulxin ghax inkella nixbghu minnhom. S'issa c-cittadin Malti dejjem gharaf l-importanza tal-vot tieghu u l-vot tieghu kien jiswa ghax kien mibni fuq gherf u esperjenza ta' medda ta' snin. S'issa kull meta morna nivvotaw dejjem konna nafu ghalxiex ezattament konna qeghdin nivvotaw u kemm kien isarraf dak/dik li qeghdin nivvotaw ghalih/a. Izda jekk anke l-votazzjonijiet se jibew isiru bhal ma jsiru l-pastizzi, se jonqos l-entuzjazmu – u dak li dejjem ftaharna bih f'pajjizna – partecipazzjoni assoluta ta' l-elettorat f'votazzjonijiet se jibda wkoll jitnaqqar f'isem l-Unjoni.

Il-Gvern ghad ikollu jhallas 'il-mercenarji biex johorgu jivvotaw ghax il-poplu jkun xeba' jivvota. Sfortunatament, ir-realtà probabbilment tkun pjuttost il-kontra. Li l-poplu mifni mill-votazzjonijiet jghejja jivvota u jinkorla, ghax fl-ahhar mill-ahhar isir jaf li l-vot tieghu huwa biss biljett biex jara teatrin li, l-buffu tieghu, hemm dubju jekk humiex dawk ta' fuq il-palk jew il-poplu nnifsu!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*